Avviz Numru CCT 202/15/GB

**Vincent Delicata**

**vs**

**David Dimech – Liftpoint - JD Lifts Supplies Ltd**

Illum 9 ta' Dicembru 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Ottubru, 2015 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn Ewro (€200.00), rapprezentanti parti mill-prezz li hallas lis-socjeta' ntimata ghall-manutenzjoni ta' 'lift', skond liema ftehim kienu inkluzi erbgha (4) servizzi, pero' saru biss żewġ (2) servizzi mis-socjeta' ntimata fis-sena kuntrattwali.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Il-kuntratt ta' manutenzjoni tal-'lift' jistipola erbgha (4) servizzi ghas-sena tal-kuntratt, pero' fl-2014/2015 saru biss żewġ (2) servizzi mis-socjeta' ntimata.

Illi ghalhekk, ir-rikorrent qed jitlob li jinghata lura mitejn Ewro (€200.00) bhala kumpens ghas-servizzi li ma sarux.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta is-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

Fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa 'template' tal-kuntratt ta' manutenzjoni, li ġie mmarkat bhala Dok.VD1; kopja ta' e-mail, li ġiet immarkata bhala Dok.VD2; kopja ta' korrispondenza bejn il-partijiet, li ġiet immarkata bhala Dok.VD3; kopja ta' invoice mis-socjeta' ntimata, li ġiet immarkata bhala Dok.VD4; flimkien ma' kopja ta' l-invoices li huma prova ta' l-ahhar pagament li sar lis-socjeta' ntimata ghall-perjodu mill-31 ta' Marzu 2014 sal-31 ta' Marzu 2015, li ġew immarkati bhala Dok.VD5.

Xehed Chris Schembri, prodott mir-rikorrent.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentatx ir-risposta taghha bil-miktub ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, jibda billi jikkummenta dwar il-fatt illi allavolja ma giex ipprezentat ftehim iffirmat, xorta wahda tressqu bizzejjed provi, b'referenza partikolari ghal Dok.VD5, sabiex giet ippruvata sufficjentement l-ezistenza tar-relazzjoni giuridika bejn il-partijiet. Illi, fuq ezaminazzjoni tal-provi, it-Tribunal jikkonkludi illi s-socjeta' ntimata naqqset fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrent konsumatur. Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa't-talba tar-rikorrent, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mitejn Ewro (€200.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**